**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Wiehed u Sebghin (71)**

**18 ta' Lulju 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-ufficcju amministrattiv fi Triq it-Tigrija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius - Sindku
Stefan Bajada – Vici Sindku
Victor John Curmi - Kunsillier
Victor Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Anthony Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgha.

**71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

71.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Anthony Attard ma setax jattendi ghal-laqgha tal-lum minhabba ragunijiet personali.

71.1.2 Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament li s-Sur Attard ghandu jigi skuzat.

**71.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-20 ta' Gunju 2023**

71.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 70 li saret nhar it-Tlieta 20 ta' Gunju 2023 fl-ufficcju amministrattiv.

**71.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

71.3.1 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li wasalna biex nibdew il-fazi tat-twaqqiegh tal-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali sabiex jinghata bidu ghall-progett ta' bini ta' Centru Civiku gdid ghal-lokalita' taghna.

Is-Sindku qal li prezentament qed nistennew l-approvazzjoni tal-BRO sabiex ikun jista' jibda dan il-progett.

Fir-rigward tax-xoghol ta' asfaltar ta' Triq Marga, is-Sindku Aaron Agius qal li fil-jiem li gejjin ser jinghata bidu ghax-xoghol ta' asfaltar fuq it-tieni parti ta' din it-triq wara li jigi rilokat il-main tad-drenagg li hemm f'din il-parti tat-triq. Ix-xoghol ta' rilokazzjoni ta' dan il-main tad-drenagg ser isir

mill-kuntrattur Peter Paul Said u ser jigi iffinanzjat mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

71.3.2 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li irridu nibdew nahsbu ghall-permessi temporanji lill-bejjiegha li jarmaw l-i*stalls* taghhom fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru fil-granet tal-festa ta' Marija Bambina.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li dawn il-permessi ghandhom jinhargu fuq l-istess linji tas-sena preċedenti. Fir-rigward tal-bejjiegha li jbieghu *fast food*, il-Kunsill qabel li ghandna nassiguraw li kull *stall* ikollha *bin* ghad-dispozizzjoni ta' dawk kollha li jixtru minn hemm.

71.3.3 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Raymond Bonello ghandu jipprezenta lill-Kunsill stima ghax-xoghol ta' manutenzjoni fuq il-funtana li tinsab fil-gnien pubbliku ta' Triq Marija Bambina, faccata tal-Mithna Ta' Kola.

Dan sabiex din l-istima tkun tista' titressaq ghall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

.

71.3.4 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 26 ta' Gunju 2023, is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ipprezenta r-rizenja tieghu minn Segretarju Ezekuttiv b'effett mis-Sibt 22 ta' Lulju 2023. Dan wara li s-Sur Attard gie appuntat Assistent Direttur fil-Ministeru ghal Ghawdex.

Il-Kunsill Lokali tax-Xaghra ferah u awgura lis-Sur Attard fil-kariga gdida tieghu u irringrazzjah ghall-hidma tieghu matul dawn il-hmistax-il sena li ilu impjegat tal-Kunsill, bi kwazi ghaxar snin minnhom fil-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv.

Min-naha tieghu, is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard irringrazzja lill-Kunsilliera kollha li hadem maghhom matul dawn is-snin, b'mod specjali lit-tliet Sindki Joe Cordina, Dr. Christian Zammit u Aaron Agius. Huwa qal li dejjem hadem ghall-interess tax-Xaghra bl-ahjar mod li seta' u talab apologija jekk xi darba naqas lil xi hadd mill-Kunsilliera. Is-Segretarju qal li certament ma kienet qatt l-intenzjoni tieghu li jonqos mir-rispett lil xi hadd mill-Kunsilliera.

Fid-dawl ta’ din ir-rizenja u anke skont dak li gie deciz fil-laqgha tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2023, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali hatar lis-Sinjura Marion Attard, fil-prezent Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija, sabiex tassumi l-irwol ta’ Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra b’effett mis-Sibt 22 ta’ Lulju 2023. Dan sakemm jiskatta l-process mill-istess Dipartiment sabiex jimtela’ l-post vakanti ta’ Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra.

71.3.5 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li wasal iz-zmien li nibdew nahsbu ghall-edizzjoni tal-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti tas-sena li gejja. Dan wara s-success li kellna fl-organizazzjoni tal-festival tat-tin ta’ din is-sena.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li dan il-festival ghandu jigi organizzat nhar is-Sibt 22 ta’ Gunju 2024 u ghandna nergghu ninkarigaw lis-Sur Quinton Scerri ta’ *NGRY Concepts* sabiex jiehu hsieb l-organizazzjoni ta’ dan il-festival.

71.3.6 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandna nergghu norganizzaw ix-*Xaghra Hill Top Rock*. Dan peress li l-ahhar darba li ġiet organizzata fix-Xaghra kienet fis-sena 2019 qabel il-pandemija tal-Covid.

Il-Kunsill qabel li dan il-kuncett ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

71.3.7 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li ricentament gie avvicinat minn xi persuni sabiex norganizzaw wirja ta’ artiggjanat lokali bhala parti mic-celebrazzjonijiet fl-okkazjoni tal-festa titulari ta’ Marija Bambina.

Minhabba li z-zmien ghall-organizazzjoni ta’ din l-attivita’ huwa pjuttost qasir, il-Kunsill qabel unanimament li ghal din is-sena din l-attivita’ m’ghandhiex issir pero’ tiġi ikkunsidrata ghall-festa tas-sena 2024.

71.3.8 Is-Sindku Aaron Agius ghamel riferenza ghas-sitwazzjoni tal-*one-way* ta’ Triq it-28 ta’ April 1688 li giet implimentata mill-Kunsill Lokali tax-Xaghra fis-sena 2021.

Il-Kunillier Victor Zammit astjena mid-diskussjoni fuq din il-materja minhabba kunflitt ta' interess.

Is-Sindku qal li ilu ghal diversi gimghat jisma' l-ilmenti ta' diversi residenti Xaghrin rigward din il-*one-way* u dwar il-htiega li, filwaqt li din it-triq tibqa' *one-way*, madankollu tinbidel id-direzzjoni taghha.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti, il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

71.3.9 Is-Sindku Aaron Agius ghamel riferenza ghal parti minn Triq Gnien Imrik li nizlet 'l isfel. Il-Kunsill qabel li ghandna ngibu stima tax-xoghlijiet involuti minghand il-kumpanija *Road Construction Co. Limited*.

71.3.10 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandna naghtu tifkira lill-atleta mix-Xaghra, Giuseppina Galea, li ricentament rebhet il-midalja tal-fidda f'kompetizzjoni internazzjonali tac-ciklizmu.

Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-artist Xaghri, Victor Agius, sabiex jahdem din it-tifkira.

71.3.11 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandna naghtu ktejjeb lit-tfal fl-okkazjoni tat-tifkira ta' Jum l-Inkurunazzjoni. Dan sabiex il-ktejjeb jitqassam lit-tfal fl-okkazjoni tal-'Festa Tfal' li ser tiġi organizzata mill-Parrocca tax-Xaghra nhar il-Hadd 3 ta' Settembru 2023.

71.3.12 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandna nergghu nibdew diskussjonijiet sabiex tiġi installata magna tal-BCRS ghar-riciklagg tal-fliexken tal-plastik fil-lokalita' taghna.

Wara diskussjoni, fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li ghandna nergghu nipproponu li din il-magna tiġi installata hdejn il-*bring-in-sites* ta' Triq it-Tafla u/jew Triq il-Marga. F'kaz li din it-talba tibqa' ma tiġix aċċettata mill-amministrazzjoni tal-BCRS, il-Kunsill qabel li ghandna nipproponu li din il-magna tiġi installata maġenb l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill fi sqaq fi Triq it-Tigrija.

71.3.13 Is-Sindku Aaron Agius qal li wasal iz-zmien li nibdew nahsbu ghac-cerimonja kommemorattiva li tfakkar l-Assedji ta' Malta u li ssir f'Lejliet il-Festa ta' Marija Bambina, jiġifieri nhar il-Hamis 7 ta' Settembru 2023.

Peress li din l-attivita' tiġi organizzata mill-Kumitat Regjonali Festi Nazzjonali, il-Kunsill qabel unanimament li ghandna niccekkjaw ma' dan il-Kumitat dwar fiex waslu t-thejjijiet ghal din ic-cerimonja annwali.

71.3.14 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li rċieva numru ta' ilmenti mir-residenti Xaghrin rigward il-fatt li d-drenagg tal-latrini pubbliċi tar-Ramla l-Hamra qed jitbattal kmieni filghodu ghad-detriment tan-nies li jkunu qeghdin fuq il-bajja. Is-Sindku semma wkoll it-tarag tal-injam li kellu jsir fin-naha tax-Xaghra fl-inhawi tax-Xtajta.

Il-Kunsill qabel li ghandna niccekkjaw mas-Sinjura Amity Galea, *beach manager* tal-Ministeru ghal Ghawdex, rigward dawn iz-zewg materji.

71.3.15 Is-Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandhom isiru *slow signs* fi Pjazza Il-Vitorja qabel tohrog lejn Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Ser jiġi inkarigat il-kuntrattur Raphael Refalo biex jaghmel dan ix-xoghol wara li tkun inġabet l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

71.3.16 Is-Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill bi problema li qed ikollna ta' kuljum rigward il-*mobile toilet* li tpoġġa bla permess maġenb il-*kiosk* fil-gnien pubbliku faċċata tal-Mithna Ta' Kola. Dan minhabba li dan il-*mobile toilet* qed idum ma jitbattal bil-konsegwenza li qed ikun hemm irwejjah insopportabbli f'din iz-zona.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandna naghmlu rapport formali lid-Dipartiment tas-Sanita' fil-Ministeru ghal Ghawdex sabiex tittiehed azzjoni f'dan ir-rigward.

*Il-Kunsillier Stefan Bajada irtira mil-laqgha fis-6.30pm.*

**71.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

71.4.1 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar xi zvilupp kien hemm fuq it-talba sabiex tigi installata bozza gdida fi Triq Kortoll.

Minhabba li kien hemm xi ilmenti mir-residenti dwar il-post fejn kienet ser titwahhal originarjament, il-Kunsill qabel li ghandna niddeciedu dwar il-post ezatt fejn ser tehel qabel ma nipprocedu.

71.4.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar bank miksur fi Triq l-Ghejun. Il-Kunsill qabel li ghandna nirreferu din it-talba lid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici fil-Ministeru ghal Ghawdex.

71.4.3 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa dwar xi zvilupp kien hemm fuq il-*bus shelter* ta' fejn l-entratura tal-Ggantija. Is-Sindku wiegeb li din is-*shelter* qed tinhadem mill-Ministeru ghal Ghawdex pero' ser naraw fejn ser titwahhal ezatt.

71.4.4 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa dwar l-immaniggjar tat-traffiku fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina. Is-Sindku wiegeb li din il-materja ser tigi diskussa mal-Pulizija fil-laqgha li jkollu kull xahar mal-Pulizija tal-Komunita'.

71.4.5 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa dwar xi zvilupp kien hemm fuq is-sit li jrid jigi esproprijat fi Triq Parisot minhabba li qed ikun ta' periklu ghar-residenti. Is-Sindku Aaron Agius wiegeb li din il-materja ma taqax taht il-gurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali u qed tigi indirizzata mill-Awtorita' tal-Artijiet.

71.4.6 Il-Kunsillier Victor Zammit ghamel riferenza ghall-problema li qed ikollna ricentament fil-gbir tal-iskart domestiku residenzjali. Is-Sindku Aaron Agius wiegeb li hu konxju ta' din il-problema u qed jara kif l-ahjar li tissolva b'diskussjonijiet mar-Regjun Ghawdex li issa ghandu f'idejh l-immaniggjar ta' dan il-kuntratt.

**71.5 Qari tal-Korrispondenza**

71.5.1 Talba minghand l-Ghaqda tan-Nar VMB 1973 sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xaghra jikkollabora fl-organizazzjoni ta' attivita' kulturali li ser issir nhar it-Tlieta 15 ta' Awwissu 2023, Festa ta' Santa Marija, fl-inhawi tas-Sellum.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 850.

71.5.2 Talba mill-Ministeru tal-Energija sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xaghra jipprovdi n-*no objection* ghall-installazzjoni ta' *charging pillars* godda ghall-vetturi elettrici. Il-Ministeru qieghed jipproponi li dawn ic-*charging pillars* jigu installati fit-toroq Marsalforn, Ta' Gajdoru, Ghejun, San Gorg Preca, Calypso, Sant'Anton u John Otto Bayer.

Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' tiġi diskussa fil-laqgha li jmiss.

71.5.3 Cirkulari mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward *Summer Gala Dinner* li ser jigi organizzat fil-Barrakka Ta' Fuq, il-Belt Valletta, nhar is-Sibt 22 ta' Lulju 2023. Din l-attivita' qed tkun miftuha ghas-Sindki, Vici Sindki, Kunsilliera u Segretarji Ezekuttivi. Dawk interessati kellhom cans sal-14 ta' Lulju sabiex japplikaw. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.5.4 Cirkulari mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward it-tigdid tal-*health insurance policy* ghall-Kunsilliera u Staff klerikali li jahdem fl-ufficcji amministrattivi tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill qabel li din il-polza ta' assikurazzjoni tas-sahha ghandha tiġi mhallsa.

71.5.5 Cirkulari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward regolamenti ghat-tqeghid ta' *caravans* f'postijiet pubblici. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.5.6 E-mail mill-Kunsill ta' Atessa fl-Italja li fiha qed issir stedina lis-Sindku Aaron Agius sabiex jippartecipa fil-festa annwali tat-tin li ser tigi organizzata nhar is-Sibt 12 u l-Hadd 13 ta' Awwissu 2023.
Is-Sindku Aaron Agius aċċetta din l-istedina u min-naha tal-Kunsill ser jithallsu l-ispejjez tal-biljetti tal-ajru.

71.5.7 E-mail minghand Yosef Magro, *manager* tal-*Gozo Action Group*, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali b'sejha ghall-fondi mill-programm Leader tal-Unjoni Ewropea li ser tiftah nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju u taghlaq f'nofsinhar tal-Hamis 31 ta' Awwissu 2023.

Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din is-sejha u qed jinkariga lis-Sur William Sultana sabiex jiehu hsieb il-process ta' applikazzjoni.

71.5.8 E-mail mir-Regjun Ghawdex b'informazzjoni dwar *The European Gastronomy Local Bid 2026*. Din hija sejha li fiha r-Regjun Ghawdex ser jikkompeti bil-ghan li jirbah it-titlu ta' *The European Gastronomy Region* fis-sena 2026.

Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din is-sejha billi jinkludi l-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti li jiġi organizzat kull sena mill-Kunsill.

71.5.9 Kwotazzjoni minghand is-Sur Ronnie Dimech ta' *Power Sound* ghall-Kuncert organizzat minn Cash & Band fi Pjazza Il-Vitorja nhar l-Erbgha 2 ta' Awwissu 2023. L-ammont kwotat huwa ta' € 2761.20c VAT inkluza. Il-Kunsill aċċetta din il-kwotazzjoni.

71.5.10 E-mail minghand il-Perit Saviour Micallef sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xaghra jaghti n-*no objection* tieghu sabiex tkun tista' tigi rilaxxata garanzija bankarja relatata ma' xoghol li sar fi Triq Gnien Imrik. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

71.5.11 E-mail minghand il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Persuni b'Dizabilita' (KNPD) bid-disinn ghall-bankina li hija proposta li ssir fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru (quddiem il-hanut *Victor's*). Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.5.12 Ittra minghand l-Arcipriet Carmelo Refalo li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' Oratorju muzikali li ser isir fil-Bazilika ta' Marija Bambina nhar il-Gimgha 25 ta' Awwissu 2023 fl-okkazjoni tal-hamsin anniversarju mill-grajja tal-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina.

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 5,000.

71.5.13 Ittra mingħand l-Arcipriet Carmelo Refalo li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra f'dawn l-inizjattivi relatati mal-festa titulari ta' Marija Bambina: (a) tindif tat-toroq fi tmiem il-marcijiet tat-2, 5, 6, 7 u 8 ta' Settembru; (b) latrini pubblici b'zieda ma' dawk ezistenti fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru u (c) tqassim mat-toroq tar-rahal tat-tabelli tat-traffiku li jindikaw 'No Parking' fir-rotot tal-marci minn gurnata ghal ohra fil-jiem tal-festa.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li dawn il-materji relatati mal-festa ta' Marija Bambina 2023 ghandhom jiġu diskussi waqt il-laqgha tal-Kumitat tal-Festa li ghaliha jattendi s-Sindku Aaron Agius bhala rappreżentant tal-Kunsill qabel ma tittiehed deċiżjoni dwarhom fil-laqgha li jmiss.

**71.6 Ilmenti mir-residenti**

71.6.1 Talba mingħand Jesmond Micallef ta' Triq Kortoll sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naha tal-garaxx tar-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

71.6.2 Talba minghand is-Sindku Aaron Agius sabiex tigi installata *bus stop* gdida fi Triq l-Ghejun. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

71.6.3 Talba minghand Saviour Attard ta' Nazzarenu Flats, Block A, Triq Gnien Xibla, sabiex tigi installata *bus stop* gdida quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minhabba li din il-parti tat-triq hija dejqa hafna sabiex tkun tista' ssir din il-*bus stop*.

71.6.4 Talba minghand Guzeppi Refalo ta' 83, Triq Knisja, sabiex isir xi hadid mar-rampa li saret ricentament quddiem l-Ufficcju Parrokkjali fi Triq 28 ta' April 1688. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minhabba li Transport Malta ma taghtix approvazzjoni biex isir hadid 'il barra mill-bankina.

71.6.5 Talba minghand xi residenti sabiex jitwahhlu tabelli li jindikaw periklu minhabba li waqa' xi tafal fl-inhawi tal-bajja tar-Ramla l-Hamra. Il-Kunsill qabel li ghandna nirreferu din it-talba lis-Sinjura Amity Galea, *beach manager* fil-Ministeru ghal Ghawdex, sabiex tittiehed l-azzjoni neċessarja f'dan ir-rigward.

71.6.6 Talba minghand Joseph Refalo ta' Triq Knisja sabiex isir culvert fi Triq Marga halli l-ilma li qed jaghmel hsara fl-ghelieqi jigi *diverted* ghal got-triq. Il-Kunsill qabel li ghandna nirreferu din it-talba lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex, min-naha tal-Ministeru, tintalab stima tax-xoghlijiet rikjesti.

71.6.7 Talba minghand Anthony Farrugia ta' Triq Knisja sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tieghu minhabba li qed jipparkjaw il-vetturi hemmhekk u qed ikun hemm periklu. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titressaq ghall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

## 71.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

71.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

71.7.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

## 71.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

71.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.20pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar il-Hamis 17 ta' Awwissu fil-5.30pm fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

IFFIRMATA IFFIRMATA

**Aaron Agius** **Ivan Attard**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**